MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 28/2010

**John Camilleri**
**vs**
**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kostituzzjonali ipprezentat fl-14 ta' April, 2010, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta' April, 2008 huwa gie definittivament misjub hati talli fis-27 ta' Dicembru, 2001 u l-granet ta' qabel kellu fil-pussess tieghu droga Ecstasy b'cirkostanzi tali li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u gie kkundannat oltre ghal piena karcerarja u l-multa ghal konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes u prorjeta' ohra mobbli jew immobbli;

Illi din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat dik precedenti tal-Qorti Kriminali tas-16 ta’ Novembru, 2005 (att ta’ akkuza 22 tas-sena 2003). Illi quddiem il-Qorti Kriminali l-Avukat Generali kien talab il-konfiska favur il-Gvern “ta’ kull flejjes jew propjeta ohra mobbli jew immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja.”

Illi kif jirrizulta mill-istess att ta’ akkuza kien hemm biss akkuza ta’ pussess f’cirkostanzi tali li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-Qorti Kriminali kienet laqghet it-talba ghall-konfiska u dan kien gie konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

L-ilment huwa car u manifest u jaqa taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem. Fi ftit kliem illi l-esponenti kien ikkundannat ghall-piena li skond il-ligi ta’ dak iz-zmien ma kienitx prevista mill-ligi. Dana qieghed jinghad dwar il-konfiska.

**Analisi tal-provvedimenti tal-Ligi.**

Il-ligi dwar l-ecstasy fit-tfassil taghha ggibek li trid toqghod attent daqs kemm mara thobb thit trid toqghod attenta meta timxi ma pattern pubblikat fil-magazine Burda. Zball zghir u jsir kbir u kbir hafna.

Il-Kap. 31 tal-ligijiet ta’ Malta fl-Artikolu 120.A. jimita prattikament dak illi hemm bhala disposizzjonijiet fil-Kap 101.

Is-sub-Artikolu 2B tal-istess Artikolu 120.A. tal-Kap 31 jghid illi meta reat li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun jikkonsisti f’reat imsemmi fis-sub-Artikolu 2A ghandhom japplikaw d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 (3A) …. Tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi.”

Minn dan huwa manifest illi qed issir referenza ghall-Artikolu 22 (3A) tal-Kap. 101. Dan l-Artikolu jiddisponi illi meta persuna tkun instabet hatja tar-reati imsemmija, skond is-sub-Artikolu 3A jista jkun hemm il-konfiska tal-beni kollha tal-hati u dana indiskriminatament mill-origini taghhom.

Is-sub-Artikolu 22 (3A) (d) jghid illi meta reat kontra din l-ordinanza fil-paragrafu (c) tieghu jghid li dwaru persuna tkun istabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemija “fis-sub-Artikolu (1) tal-Artikolu 24A l-Qorti ghandha, b’zieda ma’ kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew kull zmien wara, fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli ohra, u tal-proprjeta’ immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja ukoll jekk il-proprjeta’ immobbli minn meta hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ immobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta”.

Kif jidher din l-istess ligi terga twaddab referenza ghas-sub-Artikolu (1) tal-Artikolu 24A tal-Kap 101.

L-Artikolu 24A (1) tal-Kap. 101 jghid illi meta wara informazzjoni li tasallu l-Avukat Generali jkollu raguni bizzejjed biex jissuspetta li persuna …. U hemmhekk hemm elenkati r-reati taht l-ittri (a), (b), (c), (d) u issa (e) ukoll.

Il-punt krucjali huwa fuq il-paragrafu 24A (1) (e).

Dan il-paragrafu jghid hekk “tkun hatja tar-reat ta’ pussess ta’ xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta’ din l-ordinanza taht dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati”.

Dan il-paragrafu ghandu jinghad DAHAL BL-ARTIKOLU 38 TAL-ATT XXX1 TAS-SENA 2007.

Qabel ma kienx jezisti la fil-Kap. 101 u lanqas naturalment fil-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jekk wiehed ifakkar illi l-esponenti kien akkuzat b’reat tal-2001, gie kundannat mill-Qorti Kriminali fis-sena 2005 illi ordnat il-konfiska, definittivament tali konfiska ma kienitx possibbli dak iz-zmien dwar htija tar-reat ta’ pussess ta’ medicina kontra d-disposizzjonijiet taz-zewg ordinanzi “taht dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.”

Ghalhekk meta l-Qorti Kriminali tat is-sentenza taghha fis-16 ta’ Novembru 2005 u fuq talba tal-prosekuzzjoni, li ma kellha l-ebda bazi legali li taghmilha, ordnat il-konfiska, kienet qed tapplika piena illi ma kienitx prevista mill-ligi fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat. Nulla poena sine lege. L-istess zball naturalment kompla fil-Qorti tal-Appell.

Illi hawnhekk l-Avukat Generali ma jistax jghid illi l-esponenti kellu rimedju taht l-Artikolu 22 C. L-esponenti hawnhekk mhux qed ibaxxi rasu u jaccetta li l-konfiska kienet legali u legittima pero’ ma jaqbilx li xi proprjeta’ li kellu mhux il-frott ta’ reat ghax kien wiritha minghand iz-ziju monsinjur! M’ghandux ghalfejn jipprova illi saret konfiska u huwa jrid igib prova illi l-proprjeta’ mhix gejja minn xi reat taht xi ordinanza. Hawnhekk qed jigi kkontestat il-principju illi l-Avukat Generali, mbaghad il-Qorti, ma kellhomx il-poter moghti mil-ligi illi tigi ordnata l-konfiska u ma setghux japplikaw piena kriminali jekk ma tkunx prevista mil-ligi.

Illi skond il-Konvenzjoni Ewropeja u d-diversi sentenzi li kien hemm, tibda mill-ewwel wahda “Welch versus United Kingdom” l-konfiska konnessa mar-reati ta’ drogi f’sentenza penali (ghalkemm is-sistema Ingliza hija ftit differenti minn taghna) hija piena ta’ natura kriminali. Fil-kaz ta’ Malta ma hemm l-ebda dubju ghaliex hija konsegwenza u parti mill-kundanna.

Ghalhekk huwa manifest illi peress illi l-allegati fatti graw qabel l-emenda li ddahhlet bil-paragrafu (e) fl-Artikolu 24A tal-Kap. 101 illi ghalih jirreferi l-Artikolu 22(3A) tal-Kap. 101 dwar il-konfiska, illi mbaghad jaghmel referenza ghalih l-Kap. 31 fis-sub-Artikolu 120(2B) ma kienx jezisti fi zmien ir-reat allegat, hemm il-vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja, fuq il-principju nulla poena sine lege. Jekk wiehed jghid li l-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet fl-24 ta’ April, 2008, meta mbaghad l-emenda kienet dahlet, ikun hemm applikazzjoni retrospettiva tal-ligi penali, u dan ukoll ksur tal-Artiklu 7 tal-konvenzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti, minghajr pregudizzju li verament ma kienx hati, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli ghar-ragunijiet premessi (1) tiddikjara li fil-konfront tieghu kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u (2) konsegwentement thassar u tannulla bhala rimedju, l-konfiska tal-beni kollha mobbli u immobbli tal-esponenti kif ordnata bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Novembru, 2005, u konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta' April, 2009.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali, li *in forza* taghha wiegeb :

Illi ir-rikorrent qieghed jallega ksur tad-dritt fundamentali tieghu kif garantit bl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress li qieghed isostni li permezz tas-sentenza tal-Appell Kriminali tal-24 ta' april 2008, li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Novembru 2005, allegatament sehh ksur tal-principju tal-principju *nulla poena sine lege ;* jew alternattivament jekk jinghad li l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat l-emenda li dahlet fis-sehh permezz ta' l-Att XXXI tas-sena 2007 allura kien hemm applikazzjoni retrospettiva tal-ligi penali u dan ukoll bi ksur tal-artiklu 7 tal-Konvenzjoni.

1. Illi in linea preliminari, din il-kawza hija ntiza espressament sabiex terga' tiddiskuti mill-gdid mertu li diga' gie trattat u deciz fil-kawza fl-ismijiet **'John Camilleri vs Avukat Generali'** (App Civ Nru : 7/09) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar, 2010 u dan jikkozza ma' l-awtorita' ta' *res iudicata* stabilita permezz ta' l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (hawn annessa u mmarkata bhala Dok AG 1).

Illi in succint, ir-rikorrenti permezz ta' sentenza ta' l-24 ta' April 2008 gie definittivament misjub hati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali talli fis-27 ta' Dicembru 2001 u l-granet ta' qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga psikotropika ecstacy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine, li huma kkontrollati w ristretti bil-ligi taht it-Tielet Skeda Part A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjonijiet Medika w l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi r-rikorrent gie kkundannat ghal piena ta' hmistax-il sena prigunerija, multa ta' hmistax-il elf (Lm15,000) konvertiti fi tnax-il xahar prigunerija, u l-ispejjez peritali. Inoltre' s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali fejn giet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' Malta ta' kull flejjes u proprjeta' ohra mobbli jew immobbli tal-hati.

Fil-kawza kostituzzjonali li ghaddiet in gudikat ir-rikorrent kien ilmenta minn ksur tad-drittijiet tieghu kif sanciti mill-Protokoll 7, artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ; mill-artikolu 6(2) u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali cahdu l-ilmenti tar-rikorrenti u ddikjaraw li l-ilmenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent abbazi ta' l-istess reat u abbazi ta' l-istess proceduri kriminali qieghed jilmenta li gie vvjolat id-dritt tieghu a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi fis-sentenza fuq imsemmija l-Qorti Kostituzzjonali diga' ppronunzjat ruhha fuq l-ilment odjern tar-rikorrent b'mod car u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex terga' tqis dan l-ilment mill-gdid.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandu jogoghbha tirrifjuta li terzercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-proviso tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319 stante li, fost ohrajn, ir-rikorrent naqas li jqajjem dan l-ilment bhala wiehed mill-aggravji tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju stante li r-rikorrent ma jistax jippretendi li ghax il-proceduri li gew decizi finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta’ Frar, 2010 ma wasslux ghal dak li xtaq huwa, issa permezz tar-rikors odjern jerga’ jqajjem kwistjoni li l-Qorti Kostituzzjonali nnifisha diga’ ppronunzjat ruhha dwarha ; kif ukoll, minhabba li naqas li juzufruwixxi ruhu mir-rimedji li kellu ghad-disposizzjoni tieghu *a tempo vergine.*

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li ma sehhet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti inkluz tal-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

5. Illi in vista tal-fatt li l-esponent gie notifikat bir-rikors odjern nhar it-Tnejn 19 ta’ April, 2010 u r-risposta kellha tigi prezentata sal-21 ta’ April, 2010 huwa ma kellux bizzejjed zmien sabiex ikun jista’ jaghmel il-verifiki kollha necessarji dwar il-kaz in kwistjoni partikolarment jivverifika l-atti processwali relevanti. Tenendo kont ukoll tal-komplessita’ tal-kaz in kwistjoni, l-esponent jirrizerva minn issa l-posizzjoni tieghu li jitlob li jinghata l-opportunita’ li jipprezenta risposta ulterjuri wara li jkun ezamina l-kaz b’mod aktar profond.

6. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors tar- rikorrent bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi dan ir-rikors thalla ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat :

Illi dan ir-rikors kostituzzjonali jitratta vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghad-drittijet tal-bniedem u l-konsegwenti talba sabiex il-Qorti thassar u tannulla bhala rimedju il-konfiska tal-beni kollha mobbli u immobbli tar-rikorrenti kif ordnat bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta’ Novembru 2005 ikkonfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta’ April, 2009.

Illi, l-Qorti l-ewwel ser tezamina l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat General, dik tar-“*res judicata”.*

Illi l-Qorti tirrileva li hemm qbil fuq il-fatt li r-rikorrenti John Camilleri, permezz ta’ sentenza tal-Qorti ta l-Appell Kriminali datata l- 24 ta’ April 2008, gie definittivament misjub hati talli fis-27 ta’ Dicembru 2001 u l-granet ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga psikotropika ecstacy kontenenti s-sustanza Methylenedioxymethamphetamine u li l-imsemmija droga hi kontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda Part A tal-Ordinanza dwar il-professjonijiet medika u l-professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hemm qbil ukoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkundannat lill-attur ghal piena ta’ hmistax -il sena prigunerija, multa ta’ Lm15,000 konvertiti fi tnax (12) -il xahar prigunerija u l-ispejjez peritali, kif ukoll li l-istess Qorti tal-Appell kriminali kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali fejn giet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes u proprjeta ohra mobbli jew immobli.

Illi jirrizulta bl-aktar mod car ukoll li sussegwentement ghad-decizjoni fuq imsemmija ir-rikorrenti intavola kawza fl-ismijiet **John Camilleri vs Avukat Generali** quddiem il-Qorti Civili, (Sede Kostituzzjonali) u permezz taghha talab lill-istess Qorti sabiex:

(i) tiddikjara li l-attur (u b’konsegwenza diretta tal-proceduri kriminali msemmija aktar ‘il fuq) sofra vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tas-7 Protokoll tal-Kovenzjoni Ewropea tad-

Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 6(2) tal-istess konvenzjoni, l-Artikolu 7 tal-istess konvenzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess konvenzjoni u tal-Artikolu 6(1);

(ii) taghtih rimedju effettiv, inkluz dik tat-thassir tad-dikjarazzjoni ta' htija u li tordna r-riezami mill-gdid tal-provi;

(iii) tillibera kull proprjeta' antecedenti anke ghall-akkuza tigi liberata favur tieghu u martu;

(iv) jinghata kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Illi din il-kawza msemmija giet deciza mill-ewwel qorti nhar l-14 ta' Lulju 2009 fejn il-qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez a karigu tieghu. L-istess rikorrenti appella minn din is-sentenza izda ghar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali datata l-12 ta' Frar 2010 (ara a fol 14 tal-process), regghet ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti u ghalhekk cahdet l-appell intavolat mir-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess atttur, appellant. Din il-kawza ghaddiet in gudikat.

Din il-qorti issa ghandha quddiemha r-rikors odjern u li permezz tieghu qed tigi mitluba tiddikjara li lr-rikorrenti sofra vjolazzjoni tad-drittijiet umani tieghu, fosthom izda mhux limitatament *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u cioe' l-istess Artikolu citat mir-rikorrenti fil-kawza Kostituzzjonali msemmija aktar 'il fuq. Min-naha tieghu, l-Avukat Generali intimat jargumenta li l-mertu tal-kawza odjerna huwa ezawrit, jikkonsisti f'*res judicata* u ghalhekk din il-qorti ser tghaddi sabiex tanalizza x'inhuma r-rekwiziti necessarji sabiex tigi eccepita l-eccezzjoni ta' *res judicata* b'success u fil-kuntest tal-istess, tara jekk tali rekwiziti humiex sodisfatti fil-kaz in ezami jew le.

Illi f'dan l-istadju din il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et**[1]

[1] Citaz. Nru. 766/00

deciza nhar il-25 ta' Settembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gew ezaminati l-elementi illi jikkostitwixxu gudikat u gie konkluz illi:

**"*Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eademcausa petendi)*";**

<u>L-Istess Oggett *(eadem res)*</u>

Illi l-element ta' *eadem res* gie diskuss fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Ellul Mercer noe et vs Albert Borg Olivier de Puget et**[2] deciz nhar is-7 ta' Frar 1958 mill-Qorti tal-Appell fejn gie sostnut li:

**"*wiehed mir-rekwiziti li jehtieg jikkonkorru sabiex jista' jigi nvokat il-gudikat hu dak ta' l-identita` tal-oggett ('eadem res')*"**

filwaqt li fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri vs Baldacchino**[3] deciza nhar il-5 ta' Mejju 1898 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili gie dikjarat li **"….*La diversita` dell'oggetto fa mancare lo estremo essenziale dell'identita` della cosa giudicata".***

**Illi fil-kawza fl-ismijiet Rabat Construction Ltd vs. Cutajar Contruction Company Ltd[4] deciza nhar id-9 ta' Jannar 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili inghatat spjegazzjoni cara u dettaljata ta' x'verament ifisser dan l-element u x'inhuma r-rikwiżiti biex dan l-istess element jigi pruvat sal-grad rikjest mil-ligi u cioe:**

**"*Eadem res - dan jinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien***

---

[2] Volume 42A (1958), Part No.1, Section, Page 5
[3] Vol. XVI. II. 253. pg 255
[4] Cit Nru 1209/2000/1

***ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghall-talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati. Mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` ta' l-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett. Dwar l-identita` tal-haga mitluba hu pacifikament ammess li mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali izda bizzejjed l-identita` guridika*".**

Illi allura jirrizulta bl-aktar mod car li l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija sentenza li tikkostitwixxi gudikat timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din it-talba hi ntiza sabiex tottjeni l-istess haga bhal dik li kien ipprova jitlob b’talba precedenti u illi giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi pero’ li jekk l-oggett ta’ talba gdida huwa biss simili ghal dak ta’ decizjoni precedenti, dik is-similarita` mhix ostaklu ghall-talba gdida ghaliex l-effetti ta’ sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati. Il-kwistjoni kollha allura ddur fuq kif ghandu jigi deciz jekk dan l-element giex invokat b’success jew le. Illi in linea tal-kawza fl-ismijiet **Beltram Camilleri vs Paolo Pace ne**[5] deciza nhar il-5 ta’ Novembru 1951 mill-Qorti tal-Appell gie ritenut li**:**

**“*Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se sua seconda domanda abbia carettere di novita` o piuttosto presenti identita` della ‘causa***

[5] Volume 35A, Part No. 1, Section 1, Page 180

***petendi', gia sperimintata in altre precedente, si deve aver rigaurdo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonche' alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine che la parte si propone di conseguire*"**

Illi il-qorti thoss u tirrileva li tista' tasal ghal tali konkluzjoni dwar jekk dan l-element giex sodisfatt jew le billi tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx deciza jew le minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Anthony u Jane konjugi Borg vs Anthony Francis u Venera konjugi Willoughby**[6] deciza fit-28 ta' Marzu 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie dikjarat li **"*ghalkemm biex jista' jigi invokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita' ta' l-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni*[7]. *Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat*"[8].** Dan l-istess argument gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Assunta Cassar vs Dr. Carmelo Zammit noe**[9] deciz nhar l-10 ta' Dicembru 1956 mill-Qorti tal-Appell fejn gie rilevat li **"… *ghalkemm biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` m'hemmx bzonn tkun assoluta*",** kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Catherine Portelli vs Joseph Cachia et**[10] deciza nhar l-10 ta' Dicembru 1992 mill-Qorti tal-Kummerc fejn gie ritenut li **"*dwar l-identita` tal-haga mitluba hu pacifikament ammess li mhux necessarju***

---

[6] Citaz Nru: 1792/1999
[7] **Antonio Abela vs Giuseppe Fenech**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 1946.
[8] **PL Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Marzu 1946.
[9] Volume 40B (1956), Part No. 1, Section 1, Page 402
[10] Volume 76. Part No. 4, Section, Page719

***li l-identita` tkun assoluta u materjali izda bizzejjed l-identita` guridika".***

Illi il-qorti tirrileva illi t-talbiet tar-rikorrenti huma tnejn, u cioe' talba ghal dikjarazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-bniedem u talba sabiex, bhala rimedju tal-imsemmi u allegat ksur fundamentali tal-bniedem, thassar, u tannulla l-konfiska tal-beni kollha mobbli u immobbli tal-istess rikorrenti kif ordnata bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' April 2004.

Illi l-qorti tinnota u tirrileva wkoll li permezz tas-sentenza definittiva (u li ghaddiet in gudikat) tat-12 ta' Frar 2010 ir-rikorrenti kien diga' talab dikjarazzjoni li kien sofra vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea (fost allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ohra). Dan necessarjament ifisser li *ai termini* tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, l-element tal- *eadem res* huwa sodisfatt u dan *stante* li l-istess Qorti diga' ddecidiet fuq il-lanjanza tar-rikorrenti ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-bniedem, tant li waslet ghall-konkluzjoni li m'hemm ebda ksur tal-istess dritt fundamentali msemmi.

Illi l-qorti tirrileva wkoll li permezz tal-ewwel kawza msemmija (u li ghaddiet in gudikat), ir-rikorrenti kien talab ukoll li kull proprjeta' antecedenti anke ghall-akkuza tigi liberata favur tieghu u martu. Kif diga' gie nnutat, permezz tal-kawza odjerna, r-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-qorti sabiex tannulla u thassar il-konfiska tal-mobbli u l-immobbli kollha konfiskati. *Ai termini* tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, il-qorti tinnota li ghalkemm id-dicitura tat-talbiet relatati mal-konfiska tal-mobbli u l-immobbli huma differenti, fil-verita' dawn l-istess talbiet iwasslu <u>ghall-istess effett</u> mixtieq, u cioe' dak li l-mobbli u l-immobbli konfiskati jigu liberati. Gialadarba allura t-talbiet hekk kif imfassla fl-ewwel kawza (li ghaddiet in gudikat) kif ukoll it-talba hekk kif imfassla u dedotta fil-kawza odjerna iwasslu ghall-istess skop u effett, hemm l-identita' tal-oggett u konsegwentement, l-ewwel element mehtieg sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* huwa ppruvat.

L-istess partijiet *(eadem personae)*

Illi dan l-element idur fuq l-identita` tal-kontendenti fiz-zewg kawzi u huwa fondamentali u ta' siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. Dan ifisser li fiz-zewg kawzi, l-persuni u l-kontendenti jridu jkunu l-istess persuni. F'dan l-istadju l-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Charles Grixti vs Salvino Schembri et[11] deciza nhar il-11 ta' April 1958 mill-Qorti tal-Appell fejn gie dikjarat li ***"biex din l-eccezzjoni tista' tirnexxi hemm bzonn li jigi ezaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-gudikat, dak jigifieri, jekk is-sentenza ga msemmija kienitx giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni li jidhru bhala kontendenti fil-kawza odjerna"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**[12] deciza nhar it-13 ta' Frar 1958 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie sostnut li ***"biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg… li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…".***

In-nuqqas ta' dan l-element huwa bizzejjed biex jeskludi l-eccezzjoni tal-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih. Pero' dan ma jfissirx li l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghha ma kinietx verament necessarja mill-aspett legali. Dan qieghed jinghad *ai termini* tal-kawza fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et**[13] deciza nhar it-2 ta' Lulju 1996 mill-Qorti tal-Appell fejn, b'referenza specifika ghall-element tal-*eadem personae* u l-inseriment ta' persuna 'gdida' fit-tieni kawza, gie ritenut li dan m'ghandux jigi interpretat b'mod li ***"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-***

[11] Volume 42A (1958), Part No. 1, Section, Page 198
[12] Volume 42D (1958), Part No. 2, Section, Page 917
[13] Volume 80 (1996), Part No. 2, Section 1, Page 804

***inseriment ta' persuna li l-presenza taghhom ma kinietx verament necessarja mill-aspett legali"*.**

Illi dwar dan l-element, il-qorti thoss li m'hemmx wisq xi jzid fuq dak diga' citat *ai termini* tal-gurisprudenza u dan qieghed jinghad ghaliex m'hemm ebda dubbju li l-attur fil-kawza fl-ismijiet **John Camilleri vs Avukat Generali** deciza nhar it-12 ta' Frar 2010 mill-Qorti Kostituzzjonali huwa l-istess rikorrenti fil-kawza odjerna. Dan jirrizulta anke mill-premessi taz-zewg kawzi msemmija li jaghmlu referenza ghall-kundanna u sejbien ta' htija tar-rikorrenti fil-kamp kriminali u ghalhekk, ma hemm ebda ombra ta' dubbju li fiz-zewg kawzi hemm l-identita' tal-persuna. Dan ifisser li t-tieni element tar-*res judicata* huwa ppruvat ukoll;

<u>L-istess mertu *(eadem causa petendi)*</u>

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Don Vincenzo Galea noe vs Luigi Camilleri** deciza nhar il-15 ta' Frar 1957 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, gie ritenut li **"*wiehed mill-elementi tar-"res judicata" hija l-"eadem causa petendi"*.** Illi il-Professur Caruana Galizia f'"Notes on Civil Law"[14] jispjega li l-*causa petendi* hi **"*the title on which the demand is based"*.** Illi ghalhekk, dan huwa t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Dan l-element jirrikjedi li '*the cause of the claim*' kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-causa petendi hi '*the title on which the demand is based'*.

Illi ghalhekk sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta' motivi tal-'*causa petendi*'.

Illi matul iz-zmien inqalghu ghadd ta' diffikultajiet dwar it-tifsira xierqa li ghandha tinghata lill-frazi l-"*istess kawzali*" (eadem causa petendi), l-izjed dwar kemm ghandha

---

[14] Pt. IV p.1428

titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun gie deciz u dak li jkun qieghed jintalab fit-tieni kawza. Huwa tassew ovvju li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat ma' l-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza.

Fil-kawza odjerna ir-rikorrenti[15], jishaq bl-akbar qawwa li l-kwistjoni li dwarha titressaq l-eccezzjoni tal-gudikat jehtieg li, fil-fatt, tkun giet effettivament deciza fl-ewwel sentenza u mhux biss setghet giet deciza, izda l-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u dan ghaliex il-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu tal-azzjoni, kien imissha, jew setghet, giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess. Dicitura differenti fl-impostazzjoni ta` zewg azzjonijiet rigwardanti l-istess mertu ma jeskludix l-eadem res.

Illi il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat. Huwa proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li s-sentenza ghandha tkun motivata u li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-decizjoni taghha. Huwa minhabba dawk ir-ragunijiet li wiehed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawza kif fil-fatt qatghetha. Kien ghalhekk li jinghad li d-dispozittiv ta' sentenza m'ghandux jittiehed separatament mill-motivat, imma ghandu jigi minn dan definit u spjegat;

Illi fil-qosor jinghad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit

[15] In-nota tar-rikorrenti esebita a fol 44 tal-process

tal-identita' tal-oggett li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eccezzjoni tal-gudikat;

Illi il-qorti tissolleva li l-kawzali tal-kawza odjerna hija principalment il-lanjanza tar-rikorrenti li, dejjem skond hu, il-Qorti tal-Appell applikat b’mod retroattiv il-piena tal-konfiska tal-mobbli u l-immobbli. Jigi rilevat ukoll li din il-lanjanza tal-allegata retroattivita’ tal-piena msemmija kienet diga’ giet migjuba a konjizzjoni tal-Qorti li tat l-ewwel sentenza fl-istess ismijiet premessi (u li ghaddiet in gudikat), u l-istess qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-Qorti Kriminali ma kienitx applikat din il-piena b’mod retroattiv u ghalhekk, ma rrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Jirrizulta li r-rikorrenti baqa’ mhux sodisfatt minn din is-sentenza u ghalhekk, permezz tal-kawza prezenti qieghed jerga’ jittenta jargumenta li l-piena tal-konfiska giet applikata b’mod retroattiv (dan jirrizulta anke min-nota ta’ sottomissjonijiet li ghamel l-istess rikorrenti u li hija esebita a fol 44 tal-process) izda il-qorti tirrimarka li dan il-punt, kif diga’ intqal, gie deciz b’mod definittiv u ghalhekk din il-qorti m’ghandha ebda lok sabiex terga’ tezamina dak li diga’ gie ezaminat mhux biss fl-istadju ta’ quddiem l-ewwel Qorti izda wkoll fl-istadju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Gialadarba allura jirrizulta bl-aktar mod car li z-zewg kawzi in kwistjoni jduru fuq il-lanjanza tar-rikorrenti dwar l-allegata retroattivita’ tal-piena tal-konfiska (u li dwarha diga’ hemm decizjoni definittiva), il-qorti tara illi t-tielet element tal-kawzali gie pruvat ukoll.

<u>In-necessita’ tal-ezistenza tat-tlett elementi</u>

Illi hemm qbil generali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati, fosthom il-kawza fl-ismijiet **Rabat Construction Ltd vs. Cutajar Contruction Company Ltd**[16] **deciza nhar id-9 ta’ Jannar 2002** mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fejn gie kkonfermat li **“*Sabiex tintlaqa` l-eccezzjoni tal-gudikat iridu jikkonkorru tlett elementi*”.** Fil-fatt huwa principju ormai stabbilit li sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni ta’ *res judicata* **“iridu jikkonkorru tliet rekwiziti:- identita` tal-persuni, identita` tal-oggett u l-**

[16] Cit Nru 1209/2000/1

**identita` tal-kawza*”*** (vide l-kawzi fl-ismijiet **Joseph Tanti vs Anthony Ciappara et**[17] deciza nhar il-5 ta’ April 1993 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-kawza fl-ismijiet **Dottor Joseph Fenech nomine vs Antonio Axiaq et**[18] deciza nhar it-8 ta’ Marzu 1995 mill-Qorti tal-Appell, jew kif gew deskritti ***“eadem res, eadem personae u eadem causa petendi”*** fil-kawzi fl-ismij**iet Edward Busuttil vs Direttur tar-Registru Pubbliku**[19] deciza nhar il-5 ta’ Marzu 1984 mill-Qorti tal-Appell u **Raymond Sciberras vs Hugh P. Zammit nomine**[20] deciza nhar il-15 ta’ Jannar 1997 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili.

Illi fin-nuqqas tat-tliet elementi, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est) u ghalhekk, l-eccezzjoni ma tkunx tista’ tigi milqugha;

Illi l-qorti diga’ waslet ghall-konkluzjoni (b’mod separat u individwali ghal kull element relattiv u necessarju sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata*) u ghalhekk tikkonkludi li gialadarba t-tliet elementi gew sodisfatti, l-eccezzjoni tar-*res judicata* mqajjma mill-intimat ghandha tigi milqugha.

Is-sisien tal-eccezzjoni tal-gudikat

Illi ghall-finijiet ta’ kompletezza u sabiex l-argument relattiv tar-*res judicata* jinghalaq u jkun komplet, il-qorti terga’ ssir referenza ghall-kawzi **Pace Edmea vs Pavia Edward**[21] deciza nhar it-3 ta’ Lulju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et**[22] deciza nhar il-25 ta’ Settembru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn b’referenza ghall-eccezzjoni tal-gudikat gie dikjarat illi:

[17] Volume 77 (1993), Part. No. 3, Section, Page 108
[18] Volume 79 (1995), Part No. 2, Section 1, Page 352
[19] Volume 68 (1984), Part No. 2, Section, Page 106
[20] Volume 81 (1997), Part No. 3, Section, Page 6
[21] Citaz Nru 1915/1999
[22] Citaz. Nru. 766/00

“***Kif inghad f’ghadd ta’ decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f’sentenza, li tbieghed il-possibilita’ ta’ decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita’ ta’ kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat***”**.**

Il-qorti tirrileva li minhabba fil-fatt li l-eccezzjoni tal-gudikat timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, din l-istess l-eccezzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni. Pero’ min-naha l-ohra, dan il-principju huwa mwiezen b'dak l-iehor daqstant ghaqli li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza;

Illi huwa principju generali li l-gudikat jolqot ukoll eccezzjonijiet u argumenti li setghu gew sollevati f'gudizzju precedenti. Jekk parti, f'kawza precedenti titlob l-inforzar ta' kuntratt u tinghata sentenza a bazi ta' dak il-kuntratt, il-validita' ta' dak il-kuntratt ma tistax tigi diskussa f'gudizzju iehor. Darba kuntratt jigi invokat f'kawza u impoggi bhala l-bazi ta' dik l-azzjoni, kwalunkwe difisa li jista' jkollha effett li tinnewtralizza jew twaqqa' dak il-kuntratt, (bhal, per ezempju, li l-parti l-ohra mhux proprjetarja u ma tistax tittrasferixxi titolu tajjeb), kellha tigi sollevata f'dak il-gudizzju, u darba li l-Qorti taghti effett lil dak il-kuntratt u tordna l-ezekuzzjoni tieghu, ma jistax, f'gudizzju iehor, jingiebu argumenti jew jitressqu provi bil-hsieb li jigi distrutt dak il-gudikat.

Jekk sentenza la tigi appellata u lanqas ritratta, tghaddi in gudikat b'mod li ma tkunx tista' tigi attakkata u hija rrevokabbli. L-interess tal-ordni pubbliku u c-certezza li

taghti sentenza jigu menomati jekk kawza tkun tista' dejjem tinfetah mill-gdid fuq allegazzjoni li, min tilef, "skopra" xi fatt jew prova gdida! Jekk dan ikun premess, kull kawza tkun tista' terga' tinfetah, ghax zgur li l-parti telliefa tkun fi grad takkwista xi xhud, argument jew fatt iehor gdid. Taht certi cirkostanzi, l-ligi stess tippermetti s-smiegh mill-gdid ta' kawza f'kaz ta' provi godda, izda dan tista' taghtih biss fil-limiti tal-procedura ta' ritrattazzjoni, u mhux b'mod iehor. F’dan il-kuntest, il-qorti taghmel referenza ghall-principju u l-procedura tar-*restitutio in integrum*, li kienet applikata fil-ligi antika ta' pajjizna[23], u li permezz taghha l-Qrati taghna kienu jhossu li kellhom d-diskrezzjoni biex, f'cirkustanzi specjali, ihassru jew jimmodifikaw sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan huwa poter li kien vestit fil-Praetor Ruma, u l-Qrati taghna kienu jikkunsidraw li kellhom l-istess poteri u fakultajiet li kellu dan l-ufficjal. Din l-eccezzjoni ghar-regola kienet tintuza biex tithassar sentenza meta l-gudikant kien ihoss li, fic-cirkustanzi specjali tal-kaz, hekk kien jixraq. Ir-ritrattazzjoni li hija rimedju straordinarju ghal varjazzjoni ta’ sentenza li ghaddiet in gudikat hija simili ghal dan il-principju ta’ *restitution in integrum* imsemmi izda jrid jigi rilevat li r-ritrattazzjoni hija procedura ta’ natura partikolari u li taqa’ taħt il-parametri stretti relatati u promolgati b’mod oggettiv fil-ligi u mhux skond id-diskrezzjoni tal-gudikant. Dan necessarjament ifisser li sabiex wiehed jittenta ibiddel sentenza li ghaddiet in gudikat irid necessarjament jinkwadra r-ritrattazzjoni tieghu fil-parametri stipulati u *ai termini* tal-istipulazzjonijiet promulgati.

Ikkunsidrat:

Tenut kont ta’ dak kollu citat, il-Qorti tirrileva li l-kawza odjerna ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tar-ritrattazzjoni. Lanqas ma giet esebita xi prova li permezz taghha r-rikorrenti juri li ttenta jaghmel kawza ta’ ritrattazzjoni (ghalkemm kif diga’ intqal, kawza ta’ ritrattazzjoni tista’ tirnexxi biss f’parametri stretti u promulgati mil-ligi stess) u ghalhekk, il-qorti tirritjeni li l-

[23] U li llum m’ghadhiex tezisti

kawza fl-ismijiet premessi u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta' Frar 2010 hija wahda definittiva u ghandha kull validita' bejn il-partijiet.

Illi l-qorti, wara li kkunsidrat it-tliet elementi necessarji sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-gudikat fl-ambitu tal-kawza odjerna u wara li kkunsidrat li d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Frar 2010 hija wahda definittiva, taghmel referenza ghas-segwenti gurisprudenza u tapplika l-istess insenjament ghal kaz *de quo*. Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq Vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet**[24] deciza nhar il-11 ta' Novembru, 2008 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe** deciza nhar il-5 ta' Ottubru 1992 mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali gie dikjarat li:

**"*Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – res judicata pro veritate habetur – jigifieri l-fundament ta' l-'actio' u tal l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali*";**

Illi ghalhekk, *ai termini* ta' dak citat hawn fuq, is-sentenza fl-ismijiet premessi u deciza mill-Qorti Kostituzzjonali (u li kif diga' gie rilevat, ghaddiet in gudikat) hija mizmuma bhala tajba u sewwa u ghalhekk, ma jezistix lok ghall-qorti sabiex terga' tiftah il-biebin ta' kawza maghluqa b'mod definittiv.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' ***res judicata*** sollevata mill-intimat, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

[24] Citazzjoni Numru. 327/2007

---------------------------------TMIEM---------------------------------